MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 58**

**Il-Tlieta, 31 t'Awwissu 2023**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Ħamis, 31 t'Awwissu 2023, fl-4.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Josianne Cassar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**Minuti;**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

## 58.1 Talba;

58.1.1 Il-laqgħa bdiet fl-4.00 ta' wara nofsinhar. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 58.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;

58.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija, peress li kulħadd kien preżenti.

## 58.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 57;

58.3.1 Il-Minuti tal-Laqgħat Numri 56 u 57 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 58.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

58.4.1 Intbagħtet l-applikazzjoni tal-Iskema finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati (SPI/SCI/4/2023);

58.4.2 Materjal relatat man-nar tal-festa li tħalla fi Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali kellu jitneħħa wara ntervent mill-*Community Police* f'dawn l-aħħar ġranet. Dan peress li wara li saru diversi tentattivi anke telefonati u korrispondenza mal-Kappillan baqa ma tneħħiex, anzi nfurmana biex il-Kunsill javża lill-għaqda tan-nar hu;

58.4.3 L-applikazzjoni għal permess tar-restawr tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl twaħħal mill-Awtorità tal-Ippjanar maz-zuntier;

58.4.4 Ġie mqabbad is-Sur Joseph Bajada biex jipprepara l-*artwork* għal żewġ *banners* tal-*Playing Field* fejn ser isir xogħol ta' rinnovar;

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

58.4.5 Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali ngħalqet mingħajr permess sabiex issir attività mill-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana;

58.4.6 Saru diversi tabelli li juru li ġejja *zebra crossing*, għal ta' quddiem il-Knisja u ta' ħdejn l-Għajn il-Kbira wara talba li saret lill-Ministeru għal Għawdex peress li dawn huma fi triq arterjali li taqà taħthom;

58.4.7 Kartun li nħareġ fil-ġurnata proprja ma nġabarx mill-kuntrattur. Sar kuntatt m'uffiċċjal tar-Reġjun Għawdex sabiex jinġabar;

58.4.8 Inġabret stima ta' €920, Vat inkluż għal staffa tal-van mingħand Godnic Garage. Din ser tkun taħdem b'sistema elettrika u l-prezz jinkludi t-twaħħil;

58.4.9 Fil-11 t'Awwissu ngħata servizz tal-van lill-Parroċċa, biex twasslu il-parruċċani għal quddiesa fil-Katidral fl-okkażżjoni tal-festa ta' Santa Marija;

58.4.10 Sar ħruq tan-nar fi Triq ix-Xlendi, fil-parti li hija tal-Fontana mill-Għaqda Nar Għajn Tuta u l-Kunsill ma ġiex infurmat. Għar-raġunijiet li jafu huma ġie nfurmat biss il-Kunsill Lokali tal-Munxar, li l-ħruq tan-nar ma kienx fil-konfini tal-Munxar;

58.4.11 Ħarġet is-sejħa għal Segretarji Eżekuttivi mal-Kunsilli Lokali però l-Kunsill tal-Fontana ma kienx inkluż fil-lista. Wara li nġibdet l-attenzjoni mis-Sindku lill-President tal-AKL, is-Sur Mario Fava u ħa ħsieb jikkuntattjahom ġimgħa wara reġgħet ġiet ippubblikata s-sejħa bil-vakanza tal-Kunsill Fontana, b'hekk il-Kunsill tilef ġimgħa mis-sejħa ta' ġimgħatejn;

58.4.12 Tħabbar li t-triq tan-Nadur u dik tal-Qala ser isiru mil-Ministeru għal Għawdex però Triq tal-Għajn ma ssemmietx. Il-Kunsillier Horace Micallef qal lis-Sindku sabiex jiltaqa' mal-Ministru dwar din il-materja. Is-Sindku wieġeb illi dik obbligu tal-Ministru li ssir u fakkar li meta kien Ministru Anton Refalo minkejja li ma ltaqgħux xorta saret triq. Intbagħtet l-ittra lid-DG li l-flus ser jiġu rritornati lill-Ministeru għal Għawdex u issa l-Kunsill qed jistenna li ssir il-kanċellazzjoni.

## 58.5 Proġetti tal-Kunsill;

58.5.1 L-Enġinier Simon Mizzi nħatar mill-kuntrattur Little Rock Quarry Ltd. li ser iwettaq it-tkomplija tal-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku sabiex jikkoordina x-xogħolijiet.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

58.5.2 Dwar l-istess proġett il-Kunsill għadu ma rċeviex il-kont tat-twaqqiegħ u t-taħmil minkejja li x-xogħol ilu li twettaq mill-aħħar ta' Jannar 2023.

58.5.3 Dwar it-tneħħija tal-*playhouse*, bankijiet u affarijiet oħra tal-logħob, Zammit Aluminium ma setax jagħmel ix-xogħol u minflok ġie mqabbad Chris Gauci li ħa ħsieb li jinqalgħu. Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier Carmel Farrugia li ħadem biex tinqala ż-żurżieqa u tittieħed mingħajr ħlas minn kuntrattur, meta ħaddieħor talab aktar minn €300 ħlas biex jeħodha.

58.5.4 Is-Sindku flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv għamlu laqgħa mal-Perit u l-Enġinier Simon Mizzi dwar ix-xogħol li jrid isir fil-*Playing Field*, ix-xogħol ta' rinovar issa beda;

58.5.5 Dwar ir-restawr tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl inkera l-*high up* ta' Chris Gauci sabiex il-Perit Ivana Farrugia tkun tista tieħu ritratti mill-viċin tagħhom minn fuq iz-zuntier .

## 58.6 Ħruġ u għoti t'offerti;

58.7.1 Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel unanimament illi joħroġ l-offerta tas-*safety carpets* tal-*Playing Field*.

58.7.2 F'din il-laqgħa ma kienx hemm offerti x'jingħataw peress li għadhom iridu jiltaqgħu l-Bordijiet.

## 58.7 *Live Streaming*;

58.7.1 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex juri l-laqgħa permezz tal-*live streaming*. Peress illi jidher li l-problema li hemm ma' 'Infinite Fusion' għadha ma ssolvietx l-Aġent Segretarja kitbet lid-Dipartiment fejn staqsiet jekk hux permess li l-*live streaming* isir fuq *you tube channel* jew pjattaformi simili. Din il-miżura ntalbet bħala miżura temporanja sakemm il-Kunsill ikolli r-*rights* tal-apparat kif ukoll tas-*software*.

58.7.2 Id-Dipartiment nforma lill-Kunsill li *live streaming* fuq pjattaformi oħra jmur kontra r-regoli. Ġie ssuġġerita illi dan isir via *Teams*. Il-Kunsill qabel unanimament illi ssir via *Teams*.

58.7.3 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab ukoll li l-*website* tal-Kunsill tiġi aġġornata bl-aġenda u l-minuti tal-Kunsill. L-Aġent Segretarja ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li ngħatalha l-aċċess fl-aħħar ta' Lulju u

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

għaldaqstant ma setgħetx tagħmel dan. Issa l-*website* hija aġġornata bl-aġendi u l-minuti ser jiġu mtela fil-ġranet li ġejjin.

**58.8 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti;**

58.8.1 Ċirkulari AKL 2023/072 bis-suġġett 'Festi u Attivitajiet organizzati mill-Kunsilli Reġjonali u Lokali fl-Ibliet u l-Irħula sal-aħħar ta' Diċembru 2023'.

58.8.2 Ċirkulari AKL 2023/074 bis-suġġett 'LCA & IDEA Academy – Benefit from 30% Sponsorship'.

58.8.3 Ċirkulari AKL 2023/075 bis-suġġett 'Laqgħa Skemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet f'Għawdex – Il-Ġimgħa, 01/09/2023'. Is-Sindku ser jattendi għal din il-laqgħa.

58.8.4 Ċirkulari AKL 2023/078 bis-suġġett '*Contract Management and Project Implementation Course* 07/11/2023'.

58.8.5 Is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar is-Seduta Parlamentari taż-Żgħażagħ li ser issir fit-22 ta' Settembru 2023.

58.8.6 Is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar is-Seduta Parlamentari taż-Żgħażagħ li ser issir fit-22 ta' Settembru 2023.

58.8.7 Ċirkulari Numru 14/2023 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Tindif tal-Storm Water Culverts'. Ittieħdu passi biex dawn ġew imnaddfa.

58.8.8 Ċirkulari Numru 15/2023 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Europride 2023'.

58.8.9 Ċirkulari Numru 16/2023 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Seduta Parlamentari taż-Żgħażagħ'.

58.8.10 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali marbuta mal-Manifest Elettorali 890 'Indaħħlu proċess ta' medjazzjoni mandatorja f'każ ta' tilwim bejn il-Gvern Ċentrali u l-Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill bagħat l-informazzjoni mitluba.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

58.8.11 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Gozo Team Inspection Week: Fontana 14/08/2023 to 18/08/2023'. Din il-korrispondenza ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill ta' xi nuqqasijiet li jeżistu fil-lokalità fosthom fil-*Playing Field* u manutenzjoni ta' tabelli. Il-Kunsill qabel illi jwieġeb illi ammont min dawn ir-ritratti jindikaw l-istat tal-*Playing Field* kif kien meta beda jinqala għar-rinovar tiegħu. Rapporti minnhom lanqas jaqgħu taħt ir-responsabilità tal-Kunsill, iżda tal-Gvern Ċentrali.

58.8.12 L-Avukat Mariella Silvio mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali wieġbet l-emejl fir-rigward tal-*Bye Law* proposta mill-Kunsill. *Bye Law* 7 għandha tkun ċara in kwantu għan-natura tal-attivitajiet li l-Kunsill se jkun qiegħed japprova. Din il-korrispondenza ntbagħtet lill-Avukat Chris Said sabiex tiġi mwieġba.

58.8.13 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza bis-suġġett 'Malta Sustainable Development Action Days 2023: Be Part of the Change'.

58.8.14 L-SPI fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat tfakkira għaċ-Ċirkulari SPI/SCI/05/2023 u korrispondenza oħra SPI/TW/6/2023 bis-suġġett 'Approvazzjoni Ministerjali sabiex Kunsill Lokali jipproċedi b'ġemellaġġ'.

58.8.15 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex 'Proġett Caritas Malta – Adolescent Pathways – Assistenza mill-Kunsilli Lokali fil-Proġett'. Il-Kunsill qabel illi jassisti din il-kampanja edukattiva.

58.8.16 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex:

- 16 *Days of Activism Invitation Letter;*
- Żgħażagħ Ukreni f'Għawdex – Proġett ta' Solidarjetà tal-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex;
- Ismijiet tat-toroq ta' kull Raħal;
- *Invite fro the European Commission Representation in Malta re. HOR debate with Local Councils in Gozo*;
- *Data Collection Exercise re Storm-water culverts in Local Roads within Gozo Local Councils*.

58.8.17 L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur bagħat korrispondenza bis-suġġett 'Follow-up IT audit – ICT across Local Councils'. Il-*questionnaire* li ntalab intbagħat mimli mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv;

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

58.8.18 Il-*Cultural Heritage Directorate* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bagħat korrispondenza bis-suġġett 'Milied f'Għawdex 2023/Christmas in Gozo 2023 – Stedina/Invitation'.

58.8.19 L-*Active Ageing Unit* bagħtet korrispondenza 'Premju Anzjanità Attiva'.

58.8.20 SportMalta bagħtu korrispondenza dwar *European Week of Sport 2023*.

58.8.21 Korrispondenza bis-suġġett 'Housing Development Fund – Opportunities for Collaboration'.

58.8.22 Korrispondenza bis-suġġett 'Contraceptive Pigeon Population Control' mingħand The Exterminatore (Pext Ltd.). Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kuntratt ser jispiċċa fl-aħħar t'Awwissu u għaldaqstant is-servizz ser jieqaf peress li l-Gvern Ċentrali ma ġeddux. Huma bagħtu proposti sabiex ikun jista jitkompla s-servizz però bi prezz li jrid jitħallas mill-Kunsill. Is-Sindku qal li dan il-kuntratt kull ma kien ilu sena u nofs. Kien hemm qbil li ngħidu lill-AKL u r-Reġjun Għawdex biex iġedduh.

58.8.23 *JP2 Foundation* bagħtu proposta ta' kunċert mill-Banda tal-Pulizija fl-20 t'Ottubru 2023 fil-Knisja Parrokkjali tal-Fontana. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ illi jorganizza dan il-kunċert. L-ispejjeż biex jittella huma x-xiri tal-biljetti tal-vapur għall-membri u l-vannijiet tagħhom u wara l-attività jingħataw bibita. Il-Kunsill qabel illi jtella din l-attività.

58.8.24 Resident talab sabiex titranġa l-bankina fi Triq l-Isptar San Ġiljan kantuniera ma' Triq is-Sajjieda peress li tinsab fi stat ikraħ u perikoluża. Dan l-ilment għandu jintbagħat il-Ministeru għal Għawdex peress li t-triq taqa taħt il-Gvern Ċentrali.

58.8.25 Kummissjoni Żgħażagħ Fontana talbu l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jiġi organizzat *Park & Ride* fil-*WineFest* 2023. Il-Kunsill qabel illi juża l-van għal dan il-għan.

58.8.26 Attenda wieħed mis-sidien li għamel ilment għall-laqgħa u ngħata l-permess mis-Sindku biex jitkellem. Huwa qal illi fi Triq Wied Siekel hemm gandott illi qed inixxi fil-proprjetà tiegħu. Ipprova jirranġah min-naħa tiegħu però xorta tranġax, hemm bżonn li jitranġa min-naħa ta' barra. Sadanittant l-Kunsill ħa parir mingħand il-Perit Toni Bezzina fejn talab illi r-residenti għandhom jagħmlu rapport bil-miktub mill-Perit tagħhom li jkun jagħti ndikazzjoni minn fejn ġejja l-ħsara. Il-Perit ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi jekk ser jirranġa dawn il-ħsarat irid iġib permess mil-awtoritajiet konċernati. Il-Kunsill qabel illi jitlob parir mingħand l-Avukat Chris Said jekk dan l-ilment jaqax taħtu jew inkella

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

f'idejn il-Gvern Ċentrali peress li xi snin ilu kien ħa r-responsabilità tat-toroq.

58.8.27 Residenta bagħtet korrispondenza sabiex il-Kunsill joġġezzjona għal PC0032/23 għall-bini ta' triq ġdida fi proprjetà privata fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Il-korrispondenza dwar dan is-suġġett mill-Awtorità tal-Ippjanar ma ġietx imressqa għall-aħħar laqgħa. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjegat illi din il-korrispondenza ma kenitx fil-*file* li jitressaq għal-laqgħa mal-kumplament tal-korrispondenza. Is-Sindku qal illi l-ewwel darba li sema b'dan il-każ kien xi jiem ilu meta f'laqgħa li hu kellu flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv mal-Perit Saliba dwar ir-rinnovar tal-*Playing Field*. Dak il-ħin semma din l-applikazzjoni li waslet għandu. Is-Sindku nfurmah li hu ma jaf b'xejn u mingħandu qed jisma l-ewwel darba.

58.8.28 Dwar il-permess PA2393/23 l-applikant kiteb lill-Kunsill illi huwa jaċċetta li s-sit isir pubbliku kif talbu l-Awtorità tal-Ippjanar kemm -il darba il-Kunsill Lokali jnaddaf l-ispazju u jerġa jibniha b'ġebel antik. Huwa talab ukoll li jitħallas tal-ispejjeż li diġà għamel. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma' din il-proposta.

**58.9 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

58.9.1 Il-Viċi-Sindku qalet li kellimha l-Kappillan biex isir *rubbish bin* temporanju madwar l-*area* tal-Knisja. Il-Kunsill qabel.

58.9.2 Il-Kunsilliet Jonathan Cefai qal illi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili hemm xi ħmieġ tal-klieb. Hemm bżonn li tiżdied il-frekwenza tat-tindif ta' din it-triq. Is-Sindku qal li hu nfurmat li jiġu nies mir-Rabat filgħodu kmieni. Dan ġie kkonfermat mill-Kunsillier Carmel Farrugia. Dwar it-tindif is-Sindku nfurmaħ li jsir kull ġimgħa, l-aħħar li sar nhar is-Sibt.

58.9.3 Il-Viċi-Sindku qalet illi *Fontanella Gardens* hemm ħmieġ enormi. Is-Sindku qal illi dak huwa kumpless privat u l-Kunsill ma jistax jagħmel xogħol fil-privat. Hemmhekk bil-Liġi suppost għandhom 'Administrator' li jieħu ħsieb il-kumpless. Il-membri qablu ma' dan.

**58.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 46/2023 għal perjodu ta' bejn s-26 ta' Lulju 2023 u l-31 t'Awwissu 2023 li tammonta għal €10,775.03 ġiet approvata

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

u ffirmata. Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispejjeż relatati ma *Petty Cash* li saru matul ix-xahar ta’ Awwissu.

**58.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6.05pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 25 ta’ Settembru 2023 fl-4.00 ta’ wara nofsinhar b’aġenda li tkun komunikata aktar ‘l quddiem. Il-ħin tal-laqgħa ġie deċiż bi qbil unanimu bejn il-membri.

Konfermati, llum it-Tlieta, 31 t’Ottubru 2023.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Saviour Borg | Josianne Cassar |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA